Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019

SEDUTA NUMRU 23

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta online nhar il-Ħamis 14 ta'Jannar 2021 fil- 5.00pm.

Din il-laqgha kella ssir online peress li impjegata tal-Kunsill rrizultat pożittiva għal Covid 19, u s-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qegħdin fi kwarantina.

Preżenti:

Noel Muscat	-	Sindku
Maryanne Abela	-	Viċi Sindku
Alex Chetcuti	-	Kunsillier
Rowena Scicluna	-	Kunsillier
Paul Fenech	-	Kunsillier
Anna Pisani	-	Kunsillier
Theresa Valentino	-	Kunsillier
Edgar Rossignaud	-	Kunsillier

Uffiċjal Preżenti: Vince Tanti - Segretarju Eżekuttiv

Is- Sindku qal it-talba.

23.1 **Qari t' ittri t' apoloġiji**

23.1.01 Is-Sindku staqsa kienx hemm Kunsilliera skużati. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsillier Matthew Bonello ma setax jattendi u għandu jkun meqjus bħala skużat.

23.2 Qari u approvazzjoni tal-Minuti Seduta Numru 22

23.2.01 Il-Minuti tas-seduta numru 22 ġew approvati. Il-Kunsillier Paul Fenech ippropona u ġew ssekondati mill-Kunsillier Edgar Rossignaud.

23.3 Punti li joħorġu mill-minuti

23.3.01 Il-Kunsillier Theresa Valentino rreferiet għal punt 22.10.13 u staqsiet kienx hemm xi żvilupp rigward il-problema ta' dranaġġ fi Triq il-Qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin negattiv. Qal li kiteb anke lill-Ministru Chris Fearne. Ġie deċiħ li nerġgħu niktbu lill-Ministru.

23.3.02 Il-Kunsillier Edgar Rossignaud tkellem fuq l-importanza li l-Kunsill ikollu faċilita ta' conference screen fejn dokumentazzjoni li tittella' waqt il-laqgħat jintwerew fuq l-iscreen. Qal li din il-proposta semmiha diversi drabi iżda ma sarx sforz biżżejjed biex din isir. Is-Sindku talab lis-Segretarju u lil Kunsillier Perit Edgar Rossignaud biex jikkordinaw flimkien sabiex ikun hemm qbil ta' x'apparat hemm bżonn jinxtara.

23.3.03 Il-Kunsillier Theresa Valentino fakkret fil-proposta tal-Perit Rossignaud li ssir To DO list, fejn kulżadd ikun jista jressaq il-punt tiegħu u li jsir follow up fuqu. Kien hemm diskussjoni fuq din, għax kien hemm min kien favuriha u min kien kontriha. Ġie deċiż li l-Kunsilliera ser jerġgħu jiddisktuha fis-seduti li ġejjin.

23.3.04 Il-Viċi-Sindku Maryanne Abela staqsiet kienx hemm progress fuq il-proġett tar-rubble wall. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kuntrattur wasal Malta l-bieraħ u ċempillu biex jiltaqgħu, imma issa li qegħdin kwarantina naqra problema, u ġie deċiż li jsiru l-arranġamenti biex imur is-Sindku mal-kuntrattur il-bank. Is-Segretarju ser jirranġa biex dan isir.

23.3.05 Il-Kunsillier Rowena Scicluna tkellmet fuq punt 22.3.02, fuq l-online magazine, fejn qalet li fl-aħħar tlestiet l-ewwel edizzjoni u ntbgħatet lill-Kunsill sabiex titella' online.

23.3.06 Il-Kunsillier Rowena Scicluna tkellmet fuq 22.10.16 fuq il-vacancy ta' clerk fl-uffiċċju. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li Clarissa kitbet lil Jobs Plus llum stess u talbithom informazzjoni. Qaltilhom ukoll li peress li l-aħħar lista li bagġtu ma sabu l-ħadd nixtiequ li ningħataw permess ntellgħu il-vacancy pubblika. Qed nistennew risposta.

23.3.07 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lil Kunsillier Perit Edgar Rossignaud kellux ċans jaħdem fuq il-pjanti ta' l-uffiċċju, għax ma jistax iħalli tlett membri ta li -staff f'uffiċċju żghir kif inhu. Il-Kunsilliera talbu li jsir il-perspex bejn l-iskrivani tal- front office.

23.3.08 Il-Kunsillier Alex Chetcuti għamel suġġeriment li mqar waħda mill-istaff tagħmel ġimgħa taħdem mid-dar u l-oħrajn mill-uffiċċju, biex f'kaz li jerġa jinqala li ġara ma jkollniex għalfejn nagħlqu l-uffiċċju.

Noel Muscat

Vince Tanti

23.3.09 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk saritx l-applikazzjoni għal fondi għal attivitajiet tal-Milied mir-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kiteb lis-Segretarju Ezekuttiv tar-Reġjun għal dawn il-fondi.

23.4 **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Ir-rapport tas-Sindku jinsab anness A, tali rapport għandu iktar dettalji fuq l-attivita' tas-Sindku.

23.4.01 Is-Sindku beda billi f'isem il-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill ta l-kondoljanzi lil Kunsillier Anna Pisani li tilfet l-ommha ftit jiem qabel il-Milied. Il-Kunsillier Anna Pisani irringrazzjat lil kulħadd u qalet li apprezzat ħafna li marru l-funeral u bagħtu l-fjuri.

23.4.02 Is-Sindku bgħat l-awgurju għal sena ġdida lil kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill.

23.4.03 Laqgħat tas-Sindku:

Skeda ta' laqgħat tas-Sindku				
Data	**Laqgħa**	**Suġġett**	**Fejn saret**	**Preżenti**
11.12.20	Budget 2021	Annual Locality meeting	Kunsill (sala)	MA, MB, RS, AP, TV, ER, VT.
17.12.20	Community Police	Development meeting	Kunsill	MA, RS, AP, TV, ER, VT
22.12.20	Swieqi Arts Group	Premjazzjoni	Kunsill (sala)	PF, ACC
23.12.20	Kunsilli ghal Istrina	Prezentazzjoni Rigali	Valletta	MA
07.01.21	Garbage Policy	Webinair	Kunsill	MA, RS, ER
08. 01. 21	GOTO	Kooperazzjoni mal Community Policing	Kunsill	VT.
13.01.21	Onor. Alex Muscat *	Art biswit il-Kunsill Lokali	Sta. Venera	

RS	*Rowena Scicluna*	*CP*	*Community Police*
TV	*Theresa Valentino*	*MA*	*Mary Anne Abela*
ER	*Edgar Rossignaud*	*DF*	*Dieter Falzon*
VT	*Vince Tanti*		

Rapport tal-laqgha tas-Sindku ma' l-Onor Alex Muscat jinsab f'anness B

Noel Muscat

Vince Tanti

Sindku Segretarju Eżekuttiv

23.4.03 Is-Sindku informa l-Kunsill li installa play centre ġdida fil-Ġnien FX Ebejer. Din il-Play Centre ġiet sponsorjata mill-kumpanijja Go Plc, filwaqt li l-Kunsill ħa ħsieb l-art tar-rubber madwarha. Is-Sindku irringrazzja lil kumpanijja Go Plc tas-sapport f'dan il-Proġett. Il-Kunsillier Edgar Rossignaud qal li din il-play centre intlaqat tajjeb ħafna min-nies u qed juzawha ħafna tfal.

23.4.04 Is-Sindku irringrazzja lill Kunsillier Theresa Valentino ta' l-inizjattiva tagħha li ġġib il-Vintage Bus iddur mas-Swieqi flimkien mal-banda Guggen Musik li għamlu spettaklu mat-toroq tas-Swieqi f'attivita tal-Milied li seħħet fis-16 ta Dicembru. Qal li kienet attivita tajba ħafna u rringrazzja lil kull min ħadem f'dan il-proġett.

23.4.05 Is-Sindku tkellem fuq l-effett tal-Covid li issa laqtet ukoll lil Kunsill tagħna għax impjegata nstabet posittiva, b'rizultat li kellna nagħlqu l-uffiċċju – qal li hija ħaġa li ma xtaqniex. Qal li l-Viċi Sindku kienet qalet li r-Reġjun seta' jibgħat staff tiegħu għal ftit tal-ħin biex joffri sapport, u dan jaqbel miegħu. Staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jistax isir dan, u s-Segretarju wieġeb li ġa tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Regjun u infurmah li jista' joffri persuna għal żewġt nofs ta'nhari u xogħolhom ikun bażiku – jieħdu l-ilmenti u jwassluhom lil Kunsill b'emails u jqassmu l-boroż biss.

23.4.06 Is-Sindku tkellem fuq il-proġett li Infrastructure Malta qed jaħdmu f'St. Andrews Road, fejn qal li kien ilu jikteb lil Awtorita sabiex jiltaqa' magħhom. Is-Sindku mħasseb ħafna li l-aċċess għal ħruġ minn Triq is-Slielem, Triq il-Pedadilwett u Triq il-Mielaħ ser isir minn Triq il-Prekursur. Is-Sindku inkwetat li ser ikun hemm konġezzjoni serja f'din l-area. Il-Viċi Sindku Maryanne Abela qablet ma dan u żiedet li issa tnaqqset iktar l-aċċessibilta' għal ħruġ minn ġo Swieqi. Is-Sindku qal li ma kienx hemm konsultazzjoni mal-Kunsill fuq dawn il-proġetti u talab laqgħa b'urġenza ma' Infrastructure Malta fuq dan. Ir-risposta minngħandhom kienet invit għal laqgħa fid-29 ta'Jannar, li huwa tard wisq għax probabbli l-proġett ikun wasal biex jispiċċa.

Il-Kunsillier Perit Edgar Rossignaud intervjena u qal li il-pjanti rahom u fehemhom u qal li hemm żewġt proposti li hu ma jara xejn ħażin fihom u fehem għaliex sar dan. Qal iżda li l-exits ta' Triq il -Perkursur u Triq il-Qasam ser jiġu affettwati sew, u jekk mhux ser isiru xi Traffic Lights jew miżuri oħra ser ikun hemm problemi kbar ta' traffiku. Il-Kunsilliera Theresa Valentino qalet li ma saritx konsultazzjoni mal-Kunsill u dan mhux xieraq. Il-Kunsillier Edgar Rossignaud qal ukoll li ser jiltaqa' ma' espert tat-toroq on site u ser iressaq ir-rapport tiegħu. Il-Kunsillier Alex Chetcuti intervjena u qal li dan kollu ġej mill-Periti, li jaħdmu u jippreżentaw l-ideat tagħhom lill-Ministru li joqgħod fuqhom. Qal li qed jikteb lil Ministru u jgħidlu li mhux sew li qed isir dan ix-xogħol b'dan il-mod u l-Kunsill mhux qed jiġi kkonsultat. Id-diskussjoni twalet u saru ħafna kummenti fuq is-suġġett.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

Is-Segretarju Ezekuttiv intervjena u qal li Perit minn Infrastructure Malta kellmitu fuq parti mill-proġett, il-parti t'isfel fejn hemm il-ħruġ jew dħul għal Triq Il-Mielaħ, u tablet l-opinjoni tal-Kunsill. Din l-email għaddiha lis-Sindku, Viċi Sindku, Perit Rossignaud u lil Kuinsillier Theresa Valentino. Tlieta minn dawn in-nies ser jattendu laqgħa mal-Perit nhar it-Tnejn 18 ta Jannar 2021.

Il-Kunsillier Il-Perit Edgar Rossignaud għalaq id-diskussjoni billi irrimarka li dan ix-xogħol huwa kollu parti mil-proġett tat-Tunnels ta' Triq Sant'Andrija, u meta tara l-pjanti ta' dan ix-xogħol, dan it-twessiegħ u xogħol ieħor li qed isir f'din il-junction mhux mniżżel fil-proġett, u dan ifisser biss li Infrastructure Malta qegħdin jaħdmu bla permess. Dan kien diġa kkummenta fuqu l-Perit Anton Valentino qabel.

23.4.07 Is-Sindku tkellem fuq il-proġett ta' Triq it-Tiben. Huwa ta rendikont tax-xogħol li sar u fejn waslu bħalissa. Qal li iltaqa mal Perit Joseph Portelli, il-Perit Edgar Rossignaud u s-Segretarju Eżekuttiv.
Waqt din il-laqgha li saret fir-triq ġie resident (Chevalier Attard) u għamel suġġeriment biex isiru culverts mat-triq li bħalissa sservi bħala parking area tal-Bank. Il-Perit Galea laqa' din l-idea u ser jiċċekkja tistax ssir.

23.4.08 Fuq Triq tal-Franciz is-Sindku qal li twaħħlu t-tabelli u s'issa ma sar xejn xogħol. Qal lil Perit Galea li huwa wkoll risponsabbli mix-xogħol f'din it-triq. Is-Sindku ukoll kiteb lil Infrastructure Malta u staqsa għaliex twaħħlu tabelli xahrejn ilu u ma bediex ix-xogħol. Is-Segretarju kompla li hu ukoll ċempel lil Transport Malta u qalulu li jridu ineħħuhom it-tabelli ġaladarba mhux isir xogħol.

Is-Sindku ikkummenta li Triq tal Franċiż, minn Triq il-Miżura sa Triq l-Ibraġ hija tajba ħafna u tkun ħasra li tinqala din il-parti tat-triq u jkun aħjar kieku isiru parti minn Triq il-Ħemel, jew it-triq kollha. Il-Perit Galea qalu biex jikteb lil Infrastructure Malta u jiddeċiedu huma. Is-Sindku kitbilhom b'din il-proposta iżda ma sema xejn minn għandhom.

23.4.09 Dwar il-proġett ta' Triq is-Sidra, is-Sindku qal li beda l-proġett u kważi tlestiet il-kantuniera ta' Triq is-Sidra ma' Triq il- Gabillott. Saru xi tibdiliet fil-planters minħabba servizzi li għaddejjin minn taħt imma x-xogħol miexi. Mxejna biex nibdew il-kantuniera ma' Triq Sirk u weħilna għax resident oġġezzjona bil-kbir kontra dan ix-xogħol. Is-Sindku pprova jfiehem lir-resident iżda dan ma riedx jaf u kiteb lil ħafna nies biex dan il-proġett ma jsirx. Is-Sindku talab is-sapport tal-kunsilliera fuq dan il-proħett. Ir-resident kien aggressiv fi kliemu mas-Sindku, mas-Segretarju Ezekuttiv u anke mal-Kunsillier Edgar Rossignaud.

Is-Sindku ser jirrispondi lir-resident u ser idaħħal ukoll lill kunsilliera kollha fir-risposta tiegħu.

23.4.10 Fuq il-proġett Esprit Barthet is-Sindku qal li jidher li erġajna weħilna u talab lis-Segretarju Ezekuttiv jiċċekkja fuqu.

23.4.11 Fuq il-Progett tal-fence tal-Ġnien FX Ebejer, hawn ukoll qed nistennew risposta mill-Awtorita ta' l-Ippjanar.

23.4.12 Fl-aħħarnett is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jibda l-proċess ħalli napplikaw għal fondi għal proġett ta 'Triq l-Ibraġ.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

23.5.00 Punti Mressqa mill-Kunsilliera

23.5.01 Il-Kunsillier Perit Edgar Rossignaud tkellem fuq il-Proġett Slow Streets, fejn qal li qed jipprepara pjanti biex il-Kunsill kollu ikun jista' jsegwi x'qed jiġi ssuġġerit u diskuss. Qal li qed jaħdem fuq dan u meta jkollu kollox lest jippreżenta kollox lil Kunsill.

23.5.02 Il-Viċi Sindku Maryanne Abela staqsiet kif bqajna fuq il-gadgets li kellhom jixtru il-Community Police. Is-Segretarju wieġeb li ordnati mill-Pulizija u minħabba Covid ittardjaw. Is-Segretarju ser jibgħat lill kunsilliera dettalji tal-prodotti ordnati. Is-Segretarju qal ukoll li ppreppara kuntratt li jrid jiġi ffirmat mal-Korp tal-Pulizija.

23.5.03 Il-Vici Sindku tkellmet ukoll fuq l-ispeed Guns, li wkoll ġie diskuss waqt il-laqgħa mal-Community Police. Ressqet l-idea li dawn jinxtraw mir-Reġjun li ma laqawx it-talba tagħha abbazi li dawn jintuzaw mill-LESA. Qalet li kitbet lis-Surgent tal-Community Policing u kkonfermala li l-pulizija juzawha wkoll. Is-Segretarju Ezekuttiv talabha li meta tikteb f'isem il-Kunsill lill xi entita trid tikkuppjah, u sar qbil fuq dan.

23.5.04 Il-Vici Sindku Maryanne Abela tkellmet fuq il-Webinair fuq Waste Management Plan li ħadu sehem fih hi, S-Sindku u l-Kunsillier Perit Edgar Rossignaud, u qalet li nhar it-Tlieta li għadda kien hemm diskussjoni ohra li fiha tkellem il-Ministru tal-Bdil tal-klima, Ambjent u l-Ippjanar li l-Kunsill ma kienx mistieden, jew li hi ma kienitx taf bih. Qalet li kienet mistiedna l-esperta Vania Veras, u ippruvat tibgħat link iżda peress li ma konniex reġistrati ma setghetx tidħol. Qalet li l-istatistika ppreżentata setgħet kienet immanipulata, u skond l-informazzjoni ppreżentata fir-rapport qalet li l-figuri ġew preżentati hekk sabiex jiġġustifikaw l-installazzjoni ta' żewġt inċeneraturi flok wieħed. Żiedet li għal bidu l-Ministeru beda jiċħad dawn id-dettalji iżda iktar ma għadda l-ħin ammettew li jista jkun li l-figuri m'humiex eżatti u ser jirreviduhom. Qalet ukoll li Vania Veras f''isem ir-Reġjun Tramuntana ser tippreżenta rapport li ser jiġi mwassal lil Kunsilliera u sad-29 ta'Jannar il-Kunsilliera, li huwa l-closing date tal- Consultation Period fuq il-Waste Management Plan.

Il-Kunsilliera Theresa Valentino qalet li jekk hu veru li qalet l-esperta Vania Veras li l-istatistika ppreżentata setgħet kienet immanipulata, hu tal-biza' li l-awtoritajiet qed jagħtu informazjoni żbaljata.

Il-Viċi Sindku qalet li ser tippreżenta r-rapport lil Kunsill ġaladarba jasal għandha, u l-Kunsill irid jgħaddi l-kummenti tiegħu, u għalqet l-intervent tagħha fuq dan is-suġġett billi qalet li daħlet għal din b'ruħha u ġisimha u mihiex ser toqgħod lura milli twassal il-messaġġ tagħha sa l-aħħar.

23.5.05 Il-Kunsillier Alex Chetcuti staqsa fuq loading/ unloading bay li kienet saret minn veterinarja St. Anne. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed jistenna risposta minngħand Transport Malta fuqha, għax fejn riedet hi ma kienx hemm spazju, u bi ftehim magħha applika għal żewġt siti oħra li Transport Malta iridu jevelwaw u jiddeċiedu fuqha.

23.5.06 Il-Kunsillier Alex Chetcuti staqsa jekk qattx il-Kunsill ta'permessi lil iżviluppaturi għal no parking fit-tul. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

23.5.07 Il-Kunsillier Alex Chetcuti ried jgħid prosit ta' l-attivita tal-Guggen Musik waqt il-Milied.

23.5.08 Il-Kunsilliera Rowena Scicluna staqsiet x'qed jigri fuq il-bozza ta' fejn l-għassa. Is-Segretarju wieġeb li ser jiċċekkja ma' l-istaff u jati risposta, imma idealment tistaqsieh qabel il-laqgħa mhux waqt il-laqgħa. Hi wiegbet li kienet diga' bghatet emails fuq dan il-kaz u ma kellhiex risposta, u ghalhekk semmietha waqt il-laqgha.

23.5.09 Il-Kunsilliera Rowena Scicluna staqsiet kienx hemm progress fuq l-ittowjar tal-vetturi abbundunati. Is-Segretarju wieġeb li ma sarx progress għax kien kellem lil Kunsillier Matthew Bonello, li missieru kien jopera Sistema simili, u talbu jattendi l-laqgħa mal -Community Policing ħalli jitkellem fuq l-obbligi li għandu, imma ma setax jiġi. Is-Segretarju żied li hemm ħafna issues legali li wieħed irid jinkludi, fosthom insurance u proċedura legali li rridu nieħdu in-kunsiderazzjoni. Qal ukoll li ma sabx appoġġ mid-DLG lanqas għax meta tkellem ma' l-Avukat tad-dipartiment qallu li m'għandux informazzjoni x'qed jagħmlu Kunsilli oħra u għaldaqstant irridu nimxu mal-liġi (Annessa C). Tkellem mal-Kunsill tal-Mellieħa, li l-Community Police identifikaw li għandhom sistema kif joperaw, iżda meta tkellem mas-Segretarju Ezekuttiv qallu li m'għandux problema ta' karozzi abbundunati fil-lokalita tiegħu, u għaldaqstant ma setax jibgħat id-dokumenti li talbu fuq is-suġġett għax m'għandux. Is-Segretarju spjega li l-liġi tgħid li la darba karozza tiġi miġbura minn kumpanija tat-towing, li tat-tali towing trid titħallas mill-Knsill, il-liġi tgħid li trid tittowja u żżommha f'post sikur, u trid tippubblika fuq gazzetta tal-Gvern u tinforma min fejn ġiet ittowjata, meta, fejn qed tinżamm. Wara perjodu ta' żmien trid tippubblika fuq gazzetti lokali li ser isir auction ta' vetturi . Jekk jinbiegħu trid titħallas l-kera ta' fejn kienet miżmuma l-vettura, spejjeż tat-towing, liċenzji skaduti bl-arretrati, ċitazzjonijiet, tariffi u taxxi ta' reġistrazzjoni. Is-Sindku qal li jidher ċar li s-sid ma jaqbillux jiġi għaliha.
Il-Kunsillier Rowena Scicluna qalet li hawn kumpanijji tat-towing li qed jiġbru vetturi abbundunati u jitilquhom fis-Swieqi, u anke bagħtet ritratti lis-Sindku, lis-Segretarju Ezekuttiv u li Pulizija bi prova. Is-Segretarju wieġeb li wara li l-puilizija kkonfermaw li anke taw ċitazzjonijiet fuq xi vetturi rrapportati talab informazzjoni minnghand il-pulizija fuq iċ-ċitazzjonijiet, ħalli jara min fejn ġew ittowjati dawn il-vetturi – tali informazzjoni ma waslitx minngħand il-pulizija. Is-Sindku qal li s-Surgent kellem lis-sid tal- vetturi msemmijja u neħħewhom.

Il-Kunsillier Alex Chetcuti qal li ftakar li kellu ikellem lis-Sindku tal-Fgura ħalli jara kif qed jaħdmu huma. Qalulu li l-Fgura jinfurmaw lil Roc-A-Go u jirranġa kollox hu. Is-Segretarju ġie mitlub jikkomunika mal-Kunsill tal-Fgura sabiex iġġib iktar dettalji u nibdew ineħħu l-vetturi kemm jista jkum malajr.

23.5.10 Il-Kunsilliera Theresa Valentino qalet li fi triq il-Qasam hemm loading/ Unloading bay ghal child care, u din għal xi raġuni jew oħra hija doppja minn normal, jiġifieri tieħu żewġt parking bays. Qalet ukoll li hemm pet shop li talabha biex jużaha ukoll. Is-Sindku qal li jaqbel ma' l-idea għax fejn loading bay hija riservata għal vetturi kummerċjali, din il-bay qiegħda għal vetturi normali. Is-Segretarju ma jistax jifhem għalfejn din il-bay hija doppja, u s-Sindku talab lis-Segretarju jiċċekkja ma' Transport Malta għaliex din qiegħda hekk.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

23.5.11 Il-Kunsilliera Theresa Valentino irrimarket fuq il-knis ħdejn il-Madliena Village. Qalet li kellha diversi lmenti minn residenti li kull meta jsir rapport isir it-tindif, u wara ma jsir xejn iktar. Qalet li hemm bzomm tittieħed azzjoni fuq is-servizz tal-knis. Is-Sindku qal li qed ikollna diversi rapport fuq l-istess problema u għamilna laqgha mal-kuntrattur ikkonċernat fejn qalilna li kellu problemi u qed jaħdem fuqhom. Imma għalkemm hu dejjem fin-normal iżomm mar-resident, fuq din il-biċċa s-Sindku qal li mhux dejjem għandhom ragun ir-residenti u xi kultant ikunu naqra esaġerati. Pero jirrikonoxxi li hemm ħafna complaints u hemm il-ħtieġa li nerġgħu inkellmuh. Is-Segretarju qal li qed iżomm registru tal-complaints u informa lil kuntrattur li ma jistax ikollu iktar complaints. Il- Viċi-Sindku qalet li rat lin-nies tiegħu jaqtgħu il-ħaxix imma kif lestew tefgħu il-ħaxix ġo borża sewda u baqgħet hemm tlett ijiem. Is-Sindku qal li wissieh biex ma jużax boroż suwed għax jekk ma jiġboromx hu kif suppost jagħmel, in-nies jaħsbu li ma ġabarx l-iskart il-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart.

Il-Kunsillier Rowena Scicluna żiedet li għadha tirċievi complaints li l-ħaddiema tiegħu għadhom ibattlu l-ġbir tal-knis f'Wied Mejxu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fi Triq Wied Mejxu hemm resident li iċemplilna u jiktbilna regolarment u li kieku dan hu minnhu il-Kunsill l-ewwel ma kien ser ikun jaf għax anke cctv camera għandu, u dejjem jibgħatilna. Is-Sindku qal jekk hemm bżonn immorru onsite u naraw.

23.5.12 Il-Kunsillier Theresa Valentino tkellmet fuq il-Guggen Musik u il-Vintage Bus ta- Milied, li kif diġa ntqal kienet success u intlaqgħet tajjeb ħafna mir-residenti.

23.5.13 Il-Kunsillier Theresa Valentino fakkret li wasalna biex nibdew naħdmu fuq Ġieħ is-Swieqi u qed tipproponi li nibgħatu l-applikazzjonijiet. Qalet li minhabba is-sitwazzjoni tal-Covid tħoss li l-aħjar li l-attivita ssir għal Settembru, u bl-istess format ta' kif ħdimna is-sena l-oħra. Is - Sindku qabel ma' din il-proposta.

23.5.14 Il-Kunsillier Theresa Valentino qalet li din tkompli ma' l-importanza li nibdew niġbru l-email addresses tar-residenti, imma nitkellmu fuq din darb'oħra.

23.5.15 Il-Kunsillier Paul Fenech qal li l-Attivitajiet tal-Kumitat tiegħu bħalissa huma sospiżi minħabba Covid, pero qed jagħmlu lezzjonijiet online, u qed jifthemu bejniethom u darba fil-ġimgħa jiltaqgħu barra, fil-wied u jpenġu – qal li dan hu parti mis-servizzi li l-grupp ta' l-arti qed jipprova joffri l-membri minkejja s-sitwazzjoni preżenti.

23.5.16 Il-Kunsillier Paul Fenech tkellem fuq problema li kellhom fit-triq fuq nuqqas ta' dawl u x'beda jwassal għal dan. Apparantament kien hemm kuntrattur li biex jahdem hu beda jiġbor il-cables kollha flimkien u jaħdem, iżda meta tagħmel ix-xita kien qed jixxortja u jaqta' l-fuse. L-Enemalta kienu jigu fis-substation u jerġgħu jixegħlu l-fuse minngħajr ma jsir iċċekkjar il-għaliex beda' jmur il-fuse.

23.5.17 Il-Kunsillier Paul Fenech fl-aħħarnett qal li fuq il-progett ta' Infrastructure Malta fi Triq Sant'Andrija important li nżommu r-residenti tal-Madliena informati b'dak kollu li qed jiġri. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ippubblika l-ittra li s-Sindku kiteb lill Infrastructure Malta fuq il-paġni tal-Facebook tal-Madliena kif ukoll tas-Swieqi.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

23.5.18 Is-Sindku fakkar li li l-kuntrattur li ħadem barra mit-tunnels ta' Swieqi Road lesta mix-xogħol, iżda ma lestiex ir-road markings. Talab lis-Segretarju Eżekuttiv jirraporta lill Transport Malta.

23.6.00 Skeda tal Pagamenti

23.6.01 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-Pagamenti numru 18, li tkopri pagamenti pprezentati bejn 09.12.20 sa 05.01.21, u li tammonta għal €97,009.44. Din l-iskeda ġiet approvata minn dawk preżenti.

23.7.00 Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jiskuża ruħu għaliex xtaq jiddiskuti il-performance Appraisal tiegħu. Is Segretarju Eżekuttiv skuħa ruħu mil-laqgħa.

Wara telefonata mis-Sindku lis-Segretarju Ezekuttiv ftit wara, is-Segretarju reġa daħal fil-laqgħa u ġie nfurmat li l-Kunsill approva unanimament performance bonus full, b'turija t'apprazzament tal-ħidma tiegħu matul din is-sena li għaddiet. Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera ta' dan.

23.8.0 Tmiem il-Laqgha u data tas-Seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fit 20.00 u ġiet aġġornata għat-Tnejn 15 ta'Frar 2021.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv

(A)

SWIEQI LOCAL COUNCIL

COUNCIL MEETING – 14.01.2021

CODOLENCES

I wish to take the opportunity to express the council's condolences to Councillor Mrs Anna Pisani whose mother very sadly passed away during Christmas time.

NEW YEAR'S GREETINGS

This being our first meeting of 2021, I wish to take the occasion to wish you fellow councillors and your dear ones a healthy and serene new year.

MEETINGS HELD / ATTENDED

11.12.20 – Locality meeting re presentation of the 2021 budget

The locality meeting was held during which the budget for 2021 was presented

17.12.20 – Meeting with the Community Policing

The local council met Sergeant Mark Cremona from Community Policing. Sergeant Cremona explained the progress made so far. Vice Mayor MaryAnne Abela will inform us about this meeting as well as other matters regarding Community Policing.

I wish to point out that we are very happy with the commitment and enthusiasm with which the service is being given. We are convinced that even the residents are very happy.

22.12.20 – Prize giving to the winners of the Art Competition

The Art Group, headed by councillor Paul Fenech and ably assisted by Chairman Perit Muscat Azzopardi and Asha Caroline Caruana, we presented gifts/tokens to the winners. May I take this opportunity to thank the art group and I urge them to organise more of these activities.

23.12.20 – LC donation - Castille

Together with the Vice Mayor, Mrs Maryanne Abela, we presented a large quantity of books which were to be presented to children in need as a Christmas present. I also donated three educational toys which were to be presented to children in need. One of the toys was presented from the local council staff, another from the local councillors and another from myself.

07.01.21 – Waste Management Webinar

Together with Vice Mayor MaryAnne Abela, and councillors Edgar Rossignaud, Alex Chetcuti and Rowena Scicluna we participated in a webinar organised by the AKL re planned changes in waste management.

Mr Mario Fava, president of the AKL, made a presentation of the proposed changes.

Several mayors and councillors participated during this webinar. One of the main changes that is being proposed is that the Region will take charge of the tendering process. It was not clear whether they

would be taking charge also of the management of the tender. One of the reasons given for this change was due to economies of scale. We expressed our views and confirmed that we are in favour of changes that will improve the system. However we are against the fact that the Region will take charge of the tendering process as well as its management. We are happy with the service that we are given and we cannot understand why this responsibility should be take away from us. We are not against the fact that some councils decide to team up and tender together, but we should not have a one size fits all. I must admit that most of the participants have our views too

08.01.21 – Meeting with Gordon Bugeja and Liane Cremona from GO TO

Together with the Executive secretary we met officials from GO TO so as to find ways and means as to how they could sponsor the use of one of their cars by Community Policing. We also explored the idea of offering a service to our mature residents to be transported within the locality.

13.01.21 – Meeting with the Hon Alex Muscat

I met Hon Alex Muscat so as to present our request for the land in triq il Keffa to be purchased and transformed into an open space and an Art & Culture Centre. Hon Muscat assured me that he will do his very best to assist us. The difficulty lies in the fact that the land is privately owned.

Attached please find the report that I presented to him.

Other events

16.12.20 – installation of new play equipment in Gnien F X Ebejer

A new play equipment was installed in Gnien F X Ebejer. This seems to have been warmly welcomed by children since I always see children playing there.

It must be noted that this play equipment was sponsored by GO plc and for this we heartily thank them.

16.12.20 – Christmas Bus – GUGGEN MUSIK

A vintage bus full of musicians dressed as father Christmas toured several streets in Swieqi and played Christmas Carols. I am of the opinion that this was a huge success and I thank and congratulate the organisers headed by Councillor Theresa Valentino.

Other Matters

Covid '19

Unfortunately during this week one of our staff members tested positive to Covid '19 and hence the local council's offices had to be closed down. The premises have been fumigated

I am informed that all the other staff members it must be noted have tested negative and that they are all enjoying good health.

Vice Mayor, Mrs Abela suggested that we employ a clerk from Regjun Tramuntana so as to temporarily fill in for the staff and be able to greet people at the office. I am in agreement.

It must be noted that council work is still being carried out by the office staff on line from each one's home.

We excuse ourselves with our residents for any inconvenience caused.

Road works

St Andrews road Project

Several residents have been expressing concern with regards to the road works that are taking place in St Andrews road.

After several attempts to organise a meeting and obtain information we have finally made some inroads. The plans have been sent to us and a meeting that was arranged for the 29th has been brought forward to the 18th of January, at 11am. Unfortunately only three council members are invited to attend due to Covid '19 restrictions.

Attached please find an e mail that I have sent to Infrastructure Malta wherein I expressed my concerns re problems that this project may cause to the several residents who make regular use of the access points along St Andrews road.

So as to be better informed and prepared, we have asked traffic expert Perit Bjorn Bonello to advise us as to how the planned changes will effect traffic and residents in general.

For this reason an on site meeting has been arranged for tomorrow at 12. Everyone is invited to attend.

Triq tal Frnciz

Even though various road signs were put up the whole length of triq Tal Franciz and surrounding roads several weeks ago, we still do not have any knowledge as to what type of works are going to be carried out. i wrote to the Department asking for information, but I never received any replies.

I have drawn the attention of IM that the section of triq tal Franciz from triq il Mizura to triq l- Ibrag is in a very good condition and rather then resurfacing that part of the road it would be better that they resurface part of triq il Hemel (from triq li Spiera to triq il Gwielaq) which is in an appalling condition. Now that road works are being carried out in triq it Tiben, the same contractor should be encouraged to repair the said section of triq itTiben

Triq it Tiben

Road works in triq it Tiben are progressing slowly but surely. House connections have been completed and works on the pavement have started.

Water flow – there still remains to be solved the issue of the heavy rain water flow in this road .

Together with Perit Dieter Falzon and the Executive secretary, we met the Perit Joseph Galea, the architect in charge of the works, on site.

We suggested that gutters be built behind the HSBC Bank and these be connected to St Andrews road via the opening on the side of the bank. Perit Galea liked the idea but he had to check with lands whether this site was public or private. To date we have not received any information even though we have been chasing for it. It must be noted that a resident who has been living in triq it Tiben since this road started to be developed informed that the passage next to HSBC Bank was the only entry to triq it Tiben from St Andrews road.

It is extremely important that these gutters be built as otherwise the flooding problems will persist if not get worse.

Capital Projects

Sidra embellishment

The first phase of the project is nearly completed. Two planters in the corner Sidra/Gabilott have been built and only finishing works need to be carried out

However we have encountered a problem with the planned embellishment works in the corner Sidra/Sirk. A resident is 'aggressively' refusing that this planter be built. His reasoning is that this planter will encourage dogs to pee there and people will start depositing their garbage bags there. I informed him that we have already installed several similar planters all over the locality and we do not have any similar problems anywhere. I also assured him that if problems do arise, we will instal a camera. However he still wouldn't listen.

I am attaching the e mail that he sent to me, a couple of councillors and other MP's on 31st December at 23.56 (so as to wish us a happy new year !!)

Naturally we cannot drop this project. However I need to explain to all the other people copied what the project consists of. We shall now start works on the corner Sidra/Gejza and once this is completed we will move onto the embellishment of Sidra/Sirk.

Gnien Esprit Barthet- embellishment & enlargement

In this case tenders have been awarded but we are still waiting for the allocation of the UIF funds. The Executive secretary has been chasing for them, but till now to no avail.

Gnien F X Ebejer - fence

Even in this case the tender has been awarded but we are still waiting for the allocation of the UIF funds.

Ibrag road - embellishment

I am hereby asking the executive secretary to start the process for this project to get started.

Noel Muscat

14.01.2021

Noel Muscat | NM Group

From: Noel Muscat | NM Group
Sent: Wednesday, 13 January 2021 21:21
To: Dimech Corinne at Infrastructure Malta; Tanti Vincent at Local Councils; Swieqi Local Council at Local Councils
Cc: Portelli Walter at Infrastructure Malta; Azzopardi Fredrick at Infrastructure Malta
Subject: Re: Road works in St Andrews road

Dear Ms Dimech

Thank you very much.

We are indeed very worried about the flow of traffic towards Slielem since a great deal of vehicles head towards that direction from St Andrews road. Moreover one must take into consideration all the vehicles and delivery vans exiting from the Forum complex as well as all the residents living in san andrea court, situated next to the Forum complex. They too will be making use of this narrow junction. I have spent time observing the traffic flow in that area and i cannot figure out how all the traffic passing through this road will flow safely.

